# IT-TBERIK TAL-FAMILJA

Kull mgħammed jista' jitlob il-barka. Il-ġenituri jistgħu jbierku lit-tfal u lil xulxin. Flok messaġġ ta' kull ġimgħa, se ngħaddilkom din it-talba tat-tberik li tistgħu tagħmluha fil-familji tagħkom. Tieħu biss ftit minuti imma ġġibu l-barka t'Alla fuqkom. Il-kelma "barka" tfisser talba li tagħmlu fejn titolbu li Ġesù jibqa' qrib u jħares lill-membri tal-familja tagħkom.

Xi tħejju:
- ◊ Siġġu kull wieħed madwar il-mejda tal-ikel jew fejn is-sufan;
- ◊ Skutella jew tazza bl-ilma mbierek (tistgħu teħduh fi fliexken li ġġibu intom stess minn fejn il-bieb il-kbir tal-knisja)
- ◊ Tużaw din it-talba t'hawn taħt

It-tberik jitmexxa minn membru tal-familja. Dan se ngħidulu "mexxej".

**Mexxej:** Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
**Kulħadd:** **Ammen.**
Mexxej: Imbierek il-Mulej Alla li jagħti l-għajnuna u s-sliem lil kull min jersaq lejh.
**Kulħadd:** **Imbierek Alla għal dejjem.**

*Xi ħadd mill-membri tal-familja jaqra din is-silta:*

**Mill-Vanġelu skont San Mattew**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxiplu tiegħu: "Kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat. Imma kull min jisma' dan kliemi u ma jagħmilx li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem li bena daru fuq ir-ramel. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarrfet u kbira kienet il-qerda tagħha!"



**Mexxej:** Mulej Ġesù ħares il-familja tagħna u żommha fuq il-pedament tal-imħabba.
**Kulħadd:** **Ibqa' magħna Mulej.**
**Mexxej:** Mulej mexxina int fix-xogħol, fil-ħidma, fid-dar, fl-istudju u fil-ħin tal-mistrieħ. **Ibqa' ...**

*Tingħad il-Missierna (filwaqt li tieħdu jdejn xulxin).* **Missierna...**

**Mexxej:** Inberkuk Mulej, għax ridt li Ġesù jidħol jieħu sehem fil-familja ma' Ġużeppi u Marija. Fiċ-ċokon tagħna, nitolbuk Mulej għall-familja tagħna. Ħarisha, qawwiha u mexxiha f'kull ħidma, u f'kull diffikultà li tgħaddi minnha. Agħmel li f'din il-familja ssaltan l-imħabba bejn il-membri u kulħadd jittama fik.
**Kulħadd:** Ammen.

*Il-mexxej iroxx l-ilma mbierek li jkun ġab mill-knisja fuqhom u fuq id-dar u jagħlaq billi jgħid:*

Mexxej: Inbierku lill-Mulej.
Kulħadd: **Irroddu ħajr lil Alla.**

## AVVIŻI OĦRA:

**L-IRXOXT:** bħalissa fil-Bażilika hemm l-istatwa tal-Irxoxt li dan l-aħħar ġiet restawrata, anke billi ġiet miżbugħa mill-ġdid, mill-awtur tagħha stess, l-istatwarju Michael Camilleri Cauchi u minn ibnu Adonai. L-istatwa ġiet indurata wkoll minn Mario Camilleri Cauchi li jiġu ħu l-awtur tal-opra u wliedu Ruben u Austin. Is-salib li kien hemm ġie sostitwit b'wieħed ġdid maħdum mill-ġewż xogħol ta' William Vella u saret dekorazzjoni tas-salib il-ġdid bil-fidda, kif ukoll palma ġdida tal-fidda fuq disinni ta' Adonai Camilleri Cauchi u mudell ta' missieru Michael.
Nirringrazzjaw lill-Kumitat tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li kkummissjona u akkumpanja x-xogħol u li ħallas id-dekorazzjoni tal-fidda u lill-benefatturi kbar Rita u Ġużepp Mizzi li għamluha possibbli li l-parroċċa jkollha l-fondi għar-restawr kollu. Kull min ra l-istatwa lesta kellu kliem ta' tifħir għax-xogħol kollu li sar mill-membri tal-familja Camilleri Cauchi.

**Il-KUMITAT TAL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA** jixtieq jirringrazzja lil Maryanne Curmi li għamlet l-arranġamenti tal-fjuri tal-Irxoxt u li tagħhom ma tħallsitx, kif ukoll lil Mary u Ġużepp Curmi li ma tħallsux tal-istess fjuri.

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW BNIET** javżaw li d-duttrina se tibda online (sakemm jingħata avviż ieħor) minn nhar it-Tnejn, 12 ta' April.
It-Tnejn - Year 3 fil-5:00pm; It-Tlieta - Year 4 fil-5:00pm u Forms 2 u 3 fis-5:45pm; Il-Ħamis - Years 5 u 6 fil-5:00pm u l-Ġimgħa - Form 1 fil-5:00pm.

**BEJGĦ TA' BRONŻ U RAM:** dan l-aħħar ħadna l-metalli (ram, bronż u aluminju) li ngħabru, f'Malta biex inbiegħu għall-prezz sabiħ ta' €1,074. Din kienet somma li marret fil-fond tal-parroċċa biex hekk inkunu nistgħu nħallsu xi spejjeż li għandna. Nirringrazzjaw lil kull min għen billi ġabilna l-materjal, min naddaf ir-ram mill-ħadid u l-plastik u lil min ġarrilna l-materjal lejn Malta. Il-Mulej jafkom b'isimhom u l-ġest tagħkom juri li tħobbu l-parroċċa u lil Kristu.

**Waqt li l-knisja hija magħluqa dawn huma l-ħinijiet tal-quddies li qed jiġu mxandra fuq il-mezzi tax-xandir tal-parroċċa.**

**Ħdud u Festi:** 9:00a.m., 11:00a.m. u 5:00p.m.
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 9:00a.m. u 5:00p.m.